**DISKORS MIS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U INFORMAZZJONI, L-ONOR. CHRIS SAID**

L-ewwel laqgħa tal-*Core Group* tal-*Malta-EU Steering and Action Committee* (MEUSAC)

Sala Vassalli, Dar il-Mediterran, 29 ta' Awwissu 2008

---

Waħda mill-ewwel deċiżjonijiet li ħa l-Gvern f'din il-leġislatura kienet proprju li jitwaqqaf mill-ġdid il-*Malta-EU Steering and Action Committee* (MEUSAC), iżda b'differenza. Dan għaliex kien hemm evoluzzjoni mill-mod ta' kif tħaddem il-MEUSAC fil-perjodu ta' qabel is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, u mill-esperjenza tal-*Malta-EU Information Centre* (il-MIC), u warajh tal-*Forum Malta fl-Ewropa*.

Proprju dak in-nhar li l-Prim Ministru ħatarni bħala Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, infurmani bil-ħsieb tiegħu li jitwaqqaf mill-ġdid il-MEUSAC, biex iservi bħala *forum* fejn issir il-konsultazzjoni dwar dak propost mill-Unjoni Ewropea.

Fl-ewwel ġimgħat kelli laqgħat ma' diversi korpi kostitwiti u organizzazzjonijiet, ħafna minn dawn issa rappreżentati wkoll fuq dan il-*Core Group*, u nista' ngħid li lkoll kienu unanimi fix-xewqa tagħhom li jerġa' jkollna *forum* b'saħħtu fejn issir din il-konsultazzjoni.

Irrid nagħti ħarsa lejn l-esperjenzi pożittivi li għaddejna minnhom fl-aħħar snin sa minn qabel is-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea. Uħud minnkom għaddejtu mill-esperjenza li kontu tiffurmaw parti mill-MEUSAC ta' qabel is-sħubija. Naħseb ilkoll taqblu li din kienet esperjenza ferm pożittiva li għenet mhux ftit biex pajjiżna ipprepara bl-aħjar mod għal dan il-pass storiku li ġab diversi bidliet.

Hija ħaġa ċerta li l-esperjenza tal-MEUSAC fi żmien in-negozjati baqgħet tissemma' bħala esperjenza pożittiva ħafna ta' metodu kif il-Gvern, il-korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili ħadmu flimkien, biex naslu għall-pakkett ta' sħubija li kien jibbilanċja l-aspirazzjonijiet tad-diversi setturi tas-soċjetà tagħna.

Fl-istess perjodu ta' qabel is-sħubija kellna wkoll il-MIC illi kien responsabbli mill-informazzjoni kollha relatata mal-Unjoni Ewropea. Dan kien qed jaħdem id f'id mal-MEUSAC.

Fl-ewwel snin ta' wara s-sħubija twaqqfu l-*Forum Malta fl-Ewropa* u l-COMEU (il-*Consultative Meeting on European Affairs*). Anke dawn il-fora servew biex fis-snin li għaddew taw is-sehem tagħhom biex issir konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili.

Wara l-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu li għadda, il-Gvern ħass il-ħtieġa li l-istrateġija tiegħu tinbidel, u li għalhekk il-konsultazzjoni dwar dak propost mill-Unjoni Ewropea, l-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u fondi diretti u opportunitajiet li toffri l-Unjoni Ewropea ma jkunux aktar taħt il-portaffol tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin iżda taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Issa li Malta hi membru tal-Unjoni Ewropea, il-politika tal-Unjoni Ewropea mhix aktar materja 'barranija' iżda saret parti mill-ħajja ta' kuljum tagħna, waqt li l-liġijiet tagħha, saru parti mill-liġijiet tagħna.

L-aspett diplomatiku jibqa' r-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin però rridu nassiguraw illi l-politika Ewropea tkun tassew integrata f'kull aspett tas-soċjetà tagħna. Għalhekk it-twaqqif mill-ġdid tal-MEUSAC.

Il-MEUSAC jrid jikkonsolida dawn l-esperjenzi kollha u jkun *forum* ta' konsultazzjoni effettiva u wiesa'. Din hija parti wkoll mill-istrateġija tal-Gvern dwar konsultazzjoni u djalogu kontinwi u wiesa' fuq kull livell. Din l-istrateġija qed tinbena fuq il-bżonn ta' aktar sinerġija kemm fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll bejn il-korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili.

Hemm ukoll il-bżonn li nkunu kapaċi nisimgħu aktar lil xulxin anke jekk nafu li mhux se naqblu fuq ħaġa jew oħra. Dan japplika kemm għal dawk involuti fil-proċessi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea, kemm għall-Gvern li jrid jisma' dak li għandkom xi tgħidu intom dwar id-diversi materji li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, kif ukoll għalikom. Irridu nikkultivaw u nħaddnu l-kultura tad-djalogu fejn mhux biss nippretendi li nsemmgħu leħinna u ninstemgħu, iżda wkoll li nkun lest li nisma' lil ħaddieħor u li nagħtu valur lil dak li jkun qed jgħid.

Ma jfissirx li dejjem se nsibu kunsens. Anzi. L-importanti hu l-PROĊESS. Il-kapaċità tagħna li niddiskutu, niddibattu b'mod dinjituż u fir-rispett għad-diversità ta' opinjonijiet. Il-MEUSAC jrid iwassal biex inħossuna aktar parteċipi fil-proċessi tal-Unjoni Ewropea.

Il-Gvern, u numru dejjem jikber ta' uffiċjali huma impenjati fid-diversi livelli tal-ħidma tal-Kunsill tal-Ministri. Dan minbarra l-membri Maltin fil-Parlament Ewropew, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni. Il-proċess fi ħdan il-MEUSAC jrid iservi biex dawn kollha li jirrappreżentawna fid-diversi strutturi tal-Unjoni Ewropea jkunu jafu l-eżitu ta' kull proċess ta' konsultazzjoni li jkun sar hawn biex b'hekk jieħdu l-pożizzjoni tagħhom wara li jkunu flew bir-reqqa kollha l-pożizzjoni tagħkom.

Hemm ukoll il-bżonn li dan kollu jiġi kkomunikat lill-pubbliku. Il-parti responsabbli mill-informazzjoni u r-riċerka tal-MEUSAC ser isservi fost l-oħrajn biex dak li jsir hawn u fin-numru ta' kumitati li jridu jitwaqqfu jkun magħruf lill-pubbliku bil-possibiltà wkoll illi ċ-ċittadini ikollhom l-ispazju biex issemgħu leħinhom fuq materji li jolqtuhom.

Ma rridux li jkun biss il-Gvern li jqajjem id-dibattitu u d-diskussjoni. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom ukoll, filwaqt li jinfurmaw lill-membri tagħhom dwar dak li jkun għaddej fil-MEUSAC, joħolqu wkoll dibattitu intern dwar materji Ewropej.

Il-MEUSAC mhux se jkun dan il-*Core Group* biss…anzi b'importanza ugwali huma l-kumitati li se jitwaqqfu u li fihom se jkun hemm rappreżentanza mill-aktar wiesa' tas-soċjetà ċivili. B' hekk il-proċess ta' konsultazzjoni se jkun verament wieħed mill-aktar wiesa' f'pajjiżna.

Proprju llum se jinbeda l-proċess biex jitwaqqfu dawn il-kumitati u se jkun il-*Core Group* stess li se jistabbilixxi l-metodu dwar kif għandhom jitwaqqfu dawn il-kumitati.

Ir-rwol tal-*Core Group* huwa dak li jmexxi l-proċess ta' konsultazzjoni. Mhux l-għan tal-Core Group li jidħol f'kull materja. Il-materji speċifiċi għandhom jiġu mgħoddija lill-kumitati partikolari. Il-*Core Group* għandu jidħol fil-kwistjonijiet ta' importanza nazzjonali.

Illum qed nibdew esperejenza ġdida flimkien. Hemm bżonn li nkunu flessibli u li nitgħallmu mill-esperjenza. Bħal ma kien qabel is-sħubija, il-MEUSAC jrid ikun kapitlu li qed niktbuh FLIMKIEN.

Minn naħa tagħna se nagħmlu minn kollox biex insaħħu l-istruttura organizzattiva tal-MEUSAC biex din tkun tista' ssostni l-proċess ta' konsultazzjoni kif ukoll il-funzjoni l-oħra li għandu l-MEUSAC – l-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u li nieħdu kull opportunità li toffri l-Unjoni Ewropea fejn jidħlu fondi.

Se naħdmu biex il-MEUSAC jkollu l-kapaċità amministrattiva kif ukoll ir-riżorsi neċessarji biex il-konsultazzjoni, l-informazzjoni u l-għajnuna dwar il-fondi jkunu tassew servizz li jwasslu għar-riżultati li jkomplu jsaħħu l-fiduċja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha fl-appartenenza tagħna għal din il-familja kbira – l-Unjoni Ewropea.

*TMIEM*